Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 543/2007

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Anthony Caruana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 132882(M), akkuzat talli:

1. fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta’ Jannar, 2006 minn tlett garaxxijiet kontigwi fi Triq in-Nigret, Zurrieq, ikkommetta serq ta’ flus u telephone cellulari, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elf lira Maltin, bil-mezz u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta’ Frangisk Farrugia, Karmenu Farrugia u Giovanni Farrugia u/jew ta’ persuni ohra.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza f'din l-ewwel udjenza li nqrat u fl-liema ammissjoni hu insista minkejja li l-Qorti taghtu zmein jirrikonsidra;

Rat l-fedina penali netta tal-imputat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza tikkoncerna s-serq aggravat bil-mezz u l-hin ghal-liema l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni qeghda ghalhekk issibu hati. Rat l-Artikolu 261 (b) (f), 264, 267, 278 (1) (2) tal-Kap 9 tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mil-lum u tikkundannah li jhallas lid-derubat is-somma ta' 1165 euro zmien mhux aktar tard minn disa' xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------